Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-fużjonijiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Marzu 2017 dwar abbozz ta' deċiżjoni relatat mal-Każ M.7878 — HeidelbergCement/Schwenk/Cemex Hungary/Cemex Croatia

Relatur: Spanja

(2017/C 440/07)

Operat

1. Il-Kumitat Konsultattiv (11-il Stat Membru) jaqbel mal-Kummissjoni li t-Tranżazzjoni tikkostitwixxi f'konċentrazzjoni fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Id-Dimensjoni tal-Unjoni

2. Il-Kumitat Konsultattiv (10 Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li l-impriżi kkonċernati mit-Tranżazzjoni huma HeidelbergCement u Schwenk.

   Minoranza ta' Stati Membri (Stat Membru wieħed) tastjeni.

3. Il-Kumitat Konsultattiv (10 Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li t-Tranżazzjoni għandha dimensjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Minoranza ta' Stati Membri (Stat Membru wieħed) tastjeni.

Il-Prodott u s-Swieq Ġeografiċi

4. Il-Kumitat Konsultattiv (10 Stati Membri) jaqbel mad-definizzjoni tal-Kummissjoni dwar is-suq tal-prodott rilevanti tas-siment griż, il-potenzjal ta' sub-segmentazzjoni fir-rigward ta' siment fil-boroż tas-siment/siment bl-ingrossa u tipi u gradi differenti tas-siment. Minoranza ta' Stati Membri (Stat Membru wieħed) tastjeni.

5. Il-Kumitat Konsultattiv (10 Stati Membri) jaqbel mad-definizzjoni tal-Kummissjoni dwar is-swieq ġeografiċi relevanti għas-siment griż li tiddefinixxi s-swieq bħala żoni ta' klijentela ċirkolari u modifikati f'250 km, u tiħalla miftuħa l-possibilità dwar jekk dawn iż-żoni ta' klijentela għandhomx ikunu ċirkulari jew modifikati. Minoranza ta' Stati Membri (Stat Membru wieħed) ma taqbilx.

Valutazzjoni Kompetittiva

6. Il-Kumitat Konsultattiv (10 Stati Membri) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-Tranżazzjoni se timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva permezz ta' effetti mhux koordinati, li jistgħu jwasslu għall-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti, f'żoni ta' klijentela ċirkolari u modifikati f'250 km madwar l-impjant ta' Cemex Croatia fi Split. Minoranza ta' Stati Membri (Stat Membru wieħed) ma taqbilx.

7. Il-Kumitat Konsultattiv (10 Stati Membri) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-Tranżazzjoni timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva f'parti sostanzjali tas-suq intern. Minoranza ta' Stati Membri (Stat Membru wieħed) ma taqbilx.

8. Il-Kumitat Konsultattiv (10 Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li l-impenji finali offruti mill-Partijiet fis-26 ta' Jannar 2017 mhux biżżejjed biex jirrendu l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern. Minoranza ta' Stati Membri (Stat Membru wieħed) ma taqbilx.

Kompatibbiltà mas-Suq Intern

9. Il-Kumitat Konsultattiv (10 Stati Membri) jaqbel mal-Kummissjoni li jinħtieġ li t-Tranżazzjoni tkun iddikjarata bħala inkompatibbli mas-suq intern u mat-thaddim tal-Ftehim dwar iż-ŻEE skont l-Artikolu 2(3) u 8(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u mal-Artikolu 57 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Minoranza ta' Stati Membri (Stat Membru wieħed) ma taqbilx.